MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Numru 159/2004

## PULIZIJA
## SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI
## VS
## VINCENT GRIXTI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Vincent Grixti, ta’ 40 sena, iben Vincent u Emanuela xebba Schembri, imwieled Attard fil-5 ta’ Novemru 1963, residenti ‘Arcenciel’, Triq Is-Siniskalk, Zejtun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 606663(M);

Illi huwa akkuzat talli, fis-17 ta’ Marzu 2003 u fil-perijodu ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat talli fis-17 ta' Marzu 2003 mal-wasal tieghu fil-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, xjentement naqas li jiddikjaraw lill-Ufficjali tad-Dwana kwantita' ta' glud ta' tjur, liema importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta;

Dawn ghandhom il-valur ta' Lm 8174.00,0, dazju xejn u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjed, liema taxxa tammonta ghall-Lm 1226.10,0, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-Artikolu 60 (a)(b)(c)(k), l-Artikolu 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, kif ukoll Avviz Legali 44/1982, u l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att.Numru XXIII-1998);

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar, hajjin jew mejtin, jew parti minn xi ghasfur, jekk ma jkunx xi ghasfur inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg Avviz Legali 146/1993, kemm-il darba ma ppruvax li dawk l-ghasafar, jew parti minnu, kien importat b'mod legittimu jew li kien imroddi fil-maqful jew li kien registrat mad-Dipartiment skond il-paragrafu (5) tar-regolamenti 17 ta' dawn ir-regolamenti, u dan bi ksur ta' Avviz Legali 146/1993 Artikolu 12(1) kif sussegwentament amendati;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi mporta jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur hajjin jew mejtin, jew parti ta' xi ghasfur li ma huwiex imsemmi fl-Iskedi I, II jew II tar-regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg Avviz Legali 146/1993, kemm-il darba ma jipprovax li dawk l-ghasafar kienu importati b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq, u dan bi ksur ta' Avviz Legali 146/1993 Artikolu 12 (2) kif sussegwentament amendati;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi mporta ghasafar, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, meta ma humiex imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz

min fejn ikunu originaw u huma protetti fil-pajjiz ta’ l-origini taghhom, u li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda mhux awtorizzata, u dan bi ksur ta’ Avviz Legali 146/1993 Artikolu 12 (3) kif sussegwentament amendati;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi ftiehem jew ipprova, jew ghin, hajjar, ta parir jew qabbad lil xi persuna ohra biex jikser id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew biex jonqos milli jikkonforma ma’ xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi dispozizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposati minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom, u dan bi ksur ta’ Avviz Legali 146/1993 Artikolu 25 kif sussegwentament amendati;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi imorta speci protetti mhux skond kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fawna u Flora Selvagga (Washington 1973);

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi mporta xi ezemplari minghajr ma applika ma’ Awtorita’ Amministrattiva bil-miktub fuq formola ghal hekk mhejjija mill-istess Awtorita’ u naqas li jipproduci dawk il-permessi jew certifikati li jistghu jehtiegu mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fawna u Flora Selvagga (Washington 1973);

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi ma kellux formoli, permessi u certifikati skond kif titlob il-Konvenzjoni;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi mporta xi speci li tkun protetta fil-pajjiz mnejn torigina, ukoll jekk ma tkunx inkluza fit-tieni u t-tielet skeda li jinstab ma’ dawn ir-regolamenti u wkoll jekk dak il-pajjiz mnejn torigina ma jkunx acceda ghall-Konvenzjoni, tkun

tehtieg licenza ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiz mnejn torigina;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi bhal l-persuna li kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari li l-importazzjoni tieghu taqa' taht dawn ir-regolamenti naqas li jzomm fil-pussess tieghu kull permess, certifikat u licenza li jkollhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dak l-ezemplari;

Il-Qorti hi gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, barra l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna l-kofiska ta' l-oggetti kollha esebiti kif ukoll li tordna l-iskwalifika tal-licenzi kollha taht ir-Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora ghal mhux anqas minn sena;

Il-Qorti hi wkoll gentilment mitluba li meta jinstab htija, terz tal-piena ta' flus jitqies bhala dejn Civili u ghandu jigi dikjarat mill-Onorabbli Qorti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti bl-istess mod bhallikieku nghata f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati u dan ghat-terminu ta' l-Att.62 PROVISO (Kap.37);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta' l-imputat (a fol.10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Gie ezebit process verbal (Dok.MC).

Stanley Gatt, Senior Inspector tan-Nature Protection Unit, nominat mill-Magistrat Inkwirenti, ezebixxa r-rapport tieghu Dok.SG (a fol.16 et seq.) u kkonfermah bil-

gurament. Huwa xehed illi kien gie informat minn Ufficjali tad-Dwana illi kienu gew abbandunati zewg bagalji fl-ajruport ta’ Malta u li mis-CCTV *recording* u mit-*tags* ta’ l-istess bagalji fejn jidher illi l-imputat kien responsabbli ghal dawn il-bagalji. Stanley Gatt xehed illi mir-*recording* jidher li dawn il-bagalji gew abbandunati bejn il-*conveyor belt* u l-banka ta’ l-Air Malta rigward il-*lost luggage.* Fir-rapport Dok.SG hemm elenku dettaljat ta’ kwantita’ ta’ tjur protetti illi gew misjuba f’dawn il-bagalji.

Emanuel Sammut (a fol.42 et seq.), Spettur tal-*Customs Enforcements Unit*, ikkonferma li l-fizzjal Carmel Attard, gibidlu l-attenzjoni ghal zewg bagalji li kienu gew abbandunati f’Malta Internation Airport u kien hemm suspett li dawn kienu tjur illegali. Illi huwa baqa jistenna jarax jekk xi hadd jigix jigbor dawn il-bagalji. Kellem lil diversi nies minn grupp ta’ vjaggaturi u l-imputat Vincent Grixti nfurmah illi huwa kellu biss *hand luggage*. Id-*Duty Inspector* Tony Piccinino, Ufficjal tad-Dwana, gie jaghti l-assistenza. Il-Pulizija u l-Ufficjal tad-Dwana, ghaldaqstant raw is-CCTV *recording* u mit-*tag* tal-bagalja illi giet misjuba fil-but tal-qalziet ta’ l-imputat, Sammut ikkonkluda illi dawn kienu ta’ l-imputat u dana il-ghaliex il-hwejjeg kienu jaqblu, pero’ l-wicc ma kienx jintaghraf.

Anthony Spiteri kkonferma x-xhieda ta’ Emanuel Sammut.

Fit-tieni xhieda tieghu, Emanuel Sammut (a fol.47 et seq.) ikkonferma illi l-Ufficjali tad-Dwana, Kevin Francica u Patrick Attard, kienu hadu sehem fit-tfittxija li saret fuq il-bagalji abbandunati.

Spettur Alexander Miruzzi (a fol.50) ikkonferma x-xhieda ta’ Emanuel Sammut u kkonferma illi z-zewg persuni illi kienu abbandunaw iz-zewg bagalji, kontinenti tjur illegali, kienu l-imputat u certu Raymond Galea u li fuq dan il-kaz kienet infethet inkjesta. Spettur Alexander Miruzzi ezebixxa l-istqarrija ta’ l-imputat Dok.AM (a fol.55), f’liema stqarrija, l-imputat jammetti illi l-bagalji abbandunati kienu tieghu, izda l-kontenut ma kienx kollu tieghu izda xi tjur kienu propjeta’ ta’ terzi persuni li marru mieghu fuq gita ghal kaxxa, l-Egittu. L-imputat ma kienx jaf kemm mit-tjur

misjuba fil-bagalji kienu tjur protetti. Ikkonferma li ma kellux dokumenti biex jimporta dawn it-tjur u kkonferma wkoll illi kien *tour leader*. L-imputat, fl-istqarrija tieghu, stqarr illi l-ewwel kien mar biex jiddikjara dawn it-tjur ghand l-Ufficjal tad-Dwana, *"Imbaghad bzajt u warrabthom."* L-Ufficjal Prosekutur ma setghax jiftakar jekk l-imputat qallux jekk marx ghand l-Ufficjali tad-Dwana, fis-sezzjoni "*To Declare"* illi kellu fil-pussess tieghu tjur.

Il-*video* tas-CCTV *recording*, fl-*arrivals/*dwana ta' l-International Airport gie ezebit bhala Dok.AM1. Filwaqt li Dok.AM2 hija kopja tal-passaport ta' l-imputat Grixti.

Martin Debattista ezebixxa *letter to prosecute* (Dok.D,D1) u nota ta' qbid (Dok.D2).

Carmel Attard (a fol.75) ikkonferma x-xhieda ta' Emanuel Sammut, ta d-dettalji tal-*flight* in kwistjoni u li huma kienu qed jaghmlu osservazzjoni tal-movimenti tal-passiggieri, li nnota grupp ta' Maltin illi kienu kaccaturi, li wara li gabu l-bagalji taghhom, ipprocedew lejn in-naha ta' l-Ufficju tad-Dwana. Huwa xehed illi f'hin minnhom huwa ra lill-imputat illi ghabba zewg bagalji fuq *trolley* u baqa' sejjer bihom f'kantuniera fejn hemm it-*telephone* u li meta rega rritorna, halla l-bagalji warajh. Illi ftit wara dan bdew jghaddu n-nies mic-*channels* illi jghaddu huma u l-imputat ghadda ma' haddiehor, mill-*green channel*, b'*hand luggage*:

***"Waqqafnih. Jigifieri ficcejnielu, fil-hand luggage ma kellu xejn, ghidnilu jekk ghandu xi bagalji ohra, qalilna li jrid jerga' jidhol lura d-Dwana ghax ghandu xi bagalji fejn l-ufficju". ****(ara xhieda a fol.76 )*

Fuq iz-zewg bagalji abbandunati ma kienx hemm *tags*. Gie msejjah l-Ispettur Emanuel Sammut u Carmel Attard iddentifika lill-imputat, fost il-grupp, lill-Ispettur Sammut u ta *hand-over* lil haddiehor.

Spettur Alexander Miruzzi ezebixxa Dok.AM3 (a fol.80), li gie konfermat minn Carmel Attard (a fol.82).

Salvu Buhagiar (a fol.83) ikkonferma li huwa kien qieghed attent ghal bagalji ta' KM717 u ra lil certu passiggier jaqbad zewg bagalji u jigbed lejn il-*baggage re-claim,* cioe fejn it-*telephone box*. Wara ftit hareg lura minghajr il-bagalji u aktar tard, hareg mill-*green channel* b'*hand luggage* biss. Buhagiar u l-Ufficjali l-ohra tad-Dwana, waqfu lill-imputat, talbuh kellux bagalji ohra u qallu: *"Rega diehel lura."* Buhagiar gharaf lill-imputat Grixti.

PS 116 Richard Cauchi kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat.

Bonnie Farrugia (a fol.92), Spettur ta' l-Ambjent mal-MEPA, ezebixxa Dok.MALR (a fol.97), Dok.MALR1 (a fol.99) u Dok.MLAR2 (a fol.100) ikkonferma li kien hemm grupp ta' kaccaturi li riedu jimportaw ghasafar mill-Egittu u pprezentaw permess mill-Egittu. Fost dan il-grupp kien hemm l-imputat Vincent Grixti. Illi huma rrilaxxaw l-ghasafar wara li ezaminawhom, izda kien hemm bagalja mimlija tjur, illi ezaminaha flimklien ma' Stanley Gatt u Elizabeth Conrad, illi kienet tikkontjeni ghasafar li ma kienux koperti bil-permess u li ghalhekk ma setghux jigu importati mill-Egittu il-ghaliex kienu tjur protetti.

Elizabeth Conrad (a fol.108) ikkonfermat ix-xhieda ta' Bonnie Farrugia.

Paul Scicluna pprezenta *letter to prosecute* da parti tal-Kummissarju tal-VAT (Dok.PS – a fol.114).

PS 1184 Patrick Grech ipprezenta Dok.PG u ritratti Dok.PG1 sa Dok.PG23.

Spettur Alexander Miruzzi, b'referenza ghar-ritratti (Dok.PG1 sa Dok.PG23) ikkonferma illi t-tjur li jidhru fir-ritratti imsemmija, kienu dawk misjuba fil-bagalji abbandunati mill-imputat u ezaminati minn Stanley Gatt.

In kontro ezami Stanley Gatt, ma setghax jghid x'sar minnhom dawn it-tjur, stante li kien sema li dawn kienu parti mit-tjur li kienu nsterqu fost ohrajn.

Bonnie Farrugia kkonferma illi, bhala Spettur ta' l-Ambjent, huwa kien jaf illi l-imputat u Charles Gracy kienu *group leaders* ta' kaccaturi u li kienu ser igibu xi tjur lura maghhom. Illi huma jkunu f'kamra apposita, pero' gieli kienu fiz-zona l-hamra u meta passiggier jghid illi ghandu xi haga x'jiddikjara li jikkonsisti fi tjur, l-Ufficjal tad-Dwana jiddiregih ghal kamra taghhom. Dakinhar kien *duty* hu, flimkien ma' Stanley Gatt. Bonnie Farrugia ezebixxa Dok.BFX fejn jidher isem l-imputat fuq l-applikazzjoni.

In kontro ezami, Ex PS 116 ikkonferma li kien gie mghajjat biex jassisti lill-Ufficjal tad-Dwana fl-*Airport* minhabba xi bagalji abbandunati.

Carmel Attard, in kontro ezami, rega' kkonferma illi huwa ra l-bagalji jigu abbandunati u indika lill-imputat mas-superjuri tieghu. Ikkonferma li l-imputat, imbaghad hareg mill-*green channel* biss bil-*hand luggage* f'idejh. Hu baqa jishaq fuq l-identifikazzjoni ta' l-imputat u dana il-ghaliex l-imputat kien iddistakka ruhu mill-grupp kollu.

Saviour Buhagiar, in kontro ezami, ikkonferma l-identifikazzjoni ta' l-imputat. Ikkonferma illi kien rah ghaddej b'zewg bagalji fuq *trolley*, li mar fejn it-*telephone box* u rritorna minghajrhom.

Ikkonsidrat:

Mill-assjem tal-provi jirrizulta b'mod anka ampju, li l-imputat Vincent Grixti bhala *tour leader* ta' grupp ta' kaccaturi illi kienu qeghdin jirritornaw mill-Egittu fuq *flight* KM717 fid-data citata fl-akkuza, iddecieda illi jimporta mieghu zewg bagalji, bi kwantita' ta' tjur, fosthom numru konsiderevoli ta' tjur illegali u meta rrejalizza illi dawn kellhom jigu ddikjarati u spezzjonati, ippanikja u abbanduna z-zewg bagalji. Ta' dan kien hemm numru ta' Ufficjali tad-Dwana illi xehedu b'mod akkurat u t-tjur huma dawk illi jihdru fir-ritratti Dok.PC1 sa Dok.PC23. Illi mir-relazzjoni ta' l-Esperti jirrizulta illi dawn kienu tjur illegali.

Illi din il-Qorti ma tistghax takkolji dak sollevat mid-Difiza, fis-sens li l-imputat mar ghall-ghajnuna ghand l-Ufficjal

tad-Dwana biex jiddikjara dawn it-tjur u dana il-ghaliex jirrizulta mill-provi illi dan mar biex jara l-procedura ghal **tjur li ma kienu protetti skond il-Ligi. It-tjur illi gew misjuba fiz-zewg bagalji abbandunati mill-imputat ma setghu qatt ikunu soggetti ghal kacca, wisq anqas, importati u allura l-imputat ma seta qatt isegwi xi procedura biex jissanzjona b'xi mod dak li ghamel.**

Illi minkejja l-valur estronomiku ta' dawn it-tjur, kif jidher fir-relazzjonijiet ezebiti ma' dan il-process, il-Qorti rat u ezaminat il-Proviso (c) ta' l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 u taghraf illi dan japplika ghal kaz in ezami:

***"Il-pieni imposti b'dan l-Artikolu ma ghandhomx japplikaw fil-kaz ta' reat li jkollu x'jaqsam ma' importazzjoni ta' oggetti kontrarjament ghal projbizzjoni jew restrizzjoni meta jkun hemm piena espressament ghal dak ir-reat bil-Ligi jew att iehor li jimponi l-projbizzjoni jew restrizzjoni.***

*Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Francis Camilleri et."*** *deciza fl-4 ta' Mejju 2007 minn din il-Qorti diversament preseduta:-*
*'L-imsemmi proviso huwa car u ma jhalli ebda dubju li f'dan il-kaz il-pieni kontemplati fl-artikolu 62 tal-Kap.37 mhumiex applikabbli galadarba l-Avviz Legali 19/1992 u anki l-Avviz Legali 146/1993 jipprovdu espressament ghall-projbizzjoni ta' l-importazzjoni tat-tjur ossia glud in kwistjoni u l-pieni relattivi dwarhom.'"*

Din is-sentenza giet pjenament segwita fil-kawza **Pulizija vs. Mario Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per Imhallef Joseph Galea Debono fid-9 ta' Awwissu 2007; minn **Pulizija vs. Henry Borda** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per Imhallef Vincent De Gaetano fid-2 ta' Novembru 2007 u minn sentenza **Pulizija vs. Damian Gouder u Charles Giordmaina** deciza mill-Qorti tal-Magistrati datat 28 ta' Marzu 2008.

Illi ghal dawn il-Qorti ssib lill-imputat **Vincent Grixti**, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 60 (a)(b)(c)(k), l-Artikolu 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-Proviso (c) ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, kif ukoll Avviz Legali 44 ta’ l-1982, u l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att.Numru XXIII-1998), Regolament 17 Paragrafu 5 u Artikolu 12(1) (2), (3) u (25) Skeda 1, 2 u 3 ta’ Avviz Legali 146 ta’ l-1993, **tikkundannah ihallas multa ta’ elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro punt sebgha u tletin centezmu (€2329.37) li ghandhom jithallsu b’rati mensieli fi zmien sitt (6) xhur u tiskwalifika lill-imputat mil-licenzi kollha taht ir-regolamenti ta’ l-1992 Dwar il-Kummerc fi Speci ta’ Fawna u ta’ Flora ghal zmien sentejn waqt illi tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta’ kwalunkwe tjur illegali ezebiti f’dan il-kaz li setgha ghad fadal.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------